MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 413/2008

Joseph Amato u martu Lucia Teresa u Kathleen Amato
vs
Mario Camilleri u Younnis Camilleri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Joseph Amato li bih eccepixxa:

1. Illi permezz ta’ ftehim datat 10 ta’ Awissu 2007 il-kontendenti dahlu fi ftehim (Dok A) li bih l-intimati nghataw it-tmexxija tan-negozju “Lantern bar and restaurant”, Triq Sapper, Valletta.

2. Illi permezz ta’ l-imsemmi ftehim l-intimati obbligaw ruhhom li jhallsu ***operation fees*** fl-ammont ta’ ghaxart elef disa mija u hamsin Liri Maltin (Lm10,950) illum hamsa u ghoxrin elf hames mija u sitt Euro (€25,506) fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem (klawsola 3 tal-ftehim).

3. Illi fil-fatt l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-***operation fee*** u dan ghall-perjodu minn Gunju 2007.

4. Illi l-intimati gew debitament interpellati sabiex ihallsu anke permezz ta' zewg ittri ufficjali li gew debitament notifikati (Dok B u C), izda baqghu inadempjenti. Interpellazzjoni li saret ai termini ta' klawzola numru 14 tal-ftehim. Ghalhekk il-ftehim gie terminat ***ipso jure*** kif wara kollox gie pattwit fl-istess ftehim, l-intimati m'ghandhom l-ebda titolu li jibqghu jokkupaw il-fond "Lantern bar and restaurant", Triq Sapper, Valletta.

5. Illi minkejja li l-intimati gew ukoll interpellati sabiex jivvakaw mill-fond u jirritornaw lura l-pussess lir-rikorrenti, sal-lum ghadhom inadempjenti. Dan bi ksur ta' klawzola numru 15 tal-ftehim u bi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti.

6. Illi l-ammont dovut bhala ***operator fee*** hu ta' erbatax-il elf u sitta u tmenin Euro (€14,086).

7. Illi peress li l-intimati baqghu moruzi fil-hlas ta' ***operator fee*** kif inghad il-ftehim gie terminat ***ipso jure*** b'effett mid-19 ta' Dicembru 2007 minhabba l-inadempjenza taghhom, u l-intimati ghadhom joperaw in-negozju minn gewwa l-fond u qeghdin jirrifjutaw li jirritornaw lura l-pussess lir-rikorrenti, obbligati li jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ekwivalenti ghal mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull gurnata bhala kumpens pattwit. Dan l-ammont hu dovut sal-gurnata li r-rikorrenti jinghataw lura l-pussess vakanti tar-restaurant.

8. Illi fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba tar-rikorrenti u hemm lok li din il-kawza ssir bil-procediment sommarju specjali kontemplat fl-Artikolu 167 tal-Kap 12.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hi mehtiega skond il-ligi:

1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ erbatax il-elf u sitta u tmenin Euro (€14,086) dovut bhala ***operator fee*** skond il-ftehim datat 10 ta’ Awissu 2007.

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ekwivalenti ghal mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull gurnata bhala kumpens dovut ai termini ta’ klawsola hmistax (15) tal-ftehim datat 10 ta’ Awissu 2007, b’effett mid-19 ta’ Dicembru 2007 sal-gurnata li jivvakaw mill-fond “Lantern bar and restaurant”, Triq Sapper, Valletta u l-pussess jinghata lura lir-rikorrenti.

4. Tordna l-izgumbrament ta’ l-intimati mill-fond “Lantern bar and restaurant”, Triq Sapper, Valletta f’dak iz-zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti, in kwantu l-ftehim ta’ l-10 ta’ Awissu 2007 gie terminat in forza tal-klawsola numru hmistax (15) u l-intimati m’ghandhom l-ebda titolu li jibghu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Dicembru 2007 u 21 ta’ Jannar 2008 kif ukoll il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 368 fl-istess ismijiet fuq premessi.

B’riserva ghal kwalsiasi drittijiet ohra spettanti lir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. PROVI:**

Xehed l-intimat <u>Mario Camilleri</u> li qal li ghalkemm ir-rikorrenti jippretendu li ghandhom jiehdu minghandu sostna li kien hu li ghandu jiehu minghandhom.

Xehed Joseph Amato li ikkonferma li ghandhom jiehdu l-ammont imsemmi fir-rikors guramentat u li ma gew imhallsin l-ebda ammont minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet rikorrenti jirrizultaw gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tipprocedi bid-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12, qed tilqa’ l-istess talbiet rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ erbatax il-elf u sitta u tmenin Euro (€14,086) dovuta bhala ***operator fee*** skond il-ftehim datat 10 ta’ Awissu 2007.

Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ekwivalenti ghal mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull gurnata bhala kumpens dovut ai termini ta’ klawsola hmistax (15) tal-ftehim datat 10 ta’ Awissu 2007, b’effett mid-19 ta’ Dicembru 2007 sal-gurnata li jivvakaw mill-fond “Lantern Bar and Restaurant”, Triq Sapper, Valletta u l-pussess jinghata lura lir-rikorrenti.

Tordna l-izgumbrament ta’ l-intimati mill-fond “Lantern bar and restaurant”, Triq Sapper, Valletta fi zmien xahrejn mil-lum in kwantu l-ftehim ta’ l-10 ta’ Awissu 2007 gie terminat in forza tal-klawsola numru hmistax (15) u l-intimati m’ghandhom l-ebda titolu li jibghu fil-pussess tieghu.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------